MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 203/2014

**Rikors fl-Atti ghar-Revoka ta' Mandat numru 232/14LSO fl-ismijiet:-**

**Doris Sant (ID 148972M)**

**vs**

**Alfred Sant (ID 42272M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentat minn Alfred Sant (ID 42272M) fil-15 ta’ Settembru 2014 fejn bil-gurament tieghu jikkonferma: -

Illi l-partijiet ilhom mizzewgin sa mill-14 ta' Dicembru 1991. Minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifla Mariah li llum ghandha erbatax-il sena;

Illi l-esponent issa ilu separat *de facto* minn ma' martu l-intimata sa minn circa sena ilu; l-esponent kellu jitlaq mid-dar matrimonjali minhabba l-attitudni ta' martu u minhabba hbiberija zejda li hi xtaqet ma' ragel iehor.

Illi l-esponent dejjem hallas lil martu manteniment ghalkemm ma kienx hemm digriet anke ghaliex hu kien baqa' jittama li seta’ ikun hemm rikonciljazzjoni. Madanakollu minhabba l-attitudni aggressiva ta’ martu, din ir-rikonciljazzjoni qatt ma setghet issehh. L-esponent fil-fatt telaq mid-dar u ilu jfittex post sabiex jikri. L-esponent ghamel diversi rapporti fl-Ghassa tat-Pulizija tal-Mellieha. Madanakollu l-esponent dejjem hafer lil martu.

Illi sabiex izomm hajja l-isperanzi tar-rikonciljazzjoni l-esponent kien temporanjament qed jippermetti lil martu tiehu mill-kont kongunt (fejn tidhol il-paga tieghu), nofs l-istess paga li kien qed jiehu. Fil-fatt il-flus tal-paga tieghu kienu qed jidhlu go kont komuni u minn dan il-mara kienet taqbad u tiehu nofs id-dhul.

Illi evidentement dan kien ammont kbir wisq anke *in vista* tal-fatt li l-esponent ma kienx ghadu qed jghix id-dar - imma intant hu kien lest li, ghal zmien qasir, isofri dan is-sagrificcju bl-isperanza li jsalva z-zwieg.

Illi intant mart l-esponent kienet sahansitra qabdet u hadet ammont sostanzjali minn kont iehor, li l-partijiet kellhom u dan minghajr pre-avviz - l-ammont kien ta' ‘l fuq minn €1,500.00. Battlet ukoll kont iehor li kien fih €110.00. Sar evidenti ghall-esponent li martu kienet biss interessata fil-flus u ma kinitx interessata li tipprova ssalva z-zwieg. Dan seta’ kien anke frott tal-kondizzjoni u attitudni taghha.

Illi l-esponent mill-paga bazika tieghu jibqaghlu f’idejh bejn wiehed u iehor l-ammont ta' €1,400 fix-xahar. Meta jkollu overtime - li mhuwiex dejjem - jibqaghlu f’ idejh €2,100.00. Minn dan l-intimata kienet qed tiehu Eur nofsu. **Dok A** hija *payslip* tal-esponent. Bhala infieq l-esponent ghandu spiza indikata fid-**Dok B**. Ma' din l-ispiza wiehed irid ukoll izid l-ispiza li l-esponent irid jonfoq sabiex jikri u dan ghaliex hu kellu jitlaq mid-dar.

Illi l-esponent qies il-bzonnijiet ta' martu u bintu u dawk tieghu u qies ukoll il-mezzi u htigijiet tieghu u jhoss li l-manteniment ma ghandux jeccedi €350.00 mensili. Minn Settembru l-esponent ma halliex lil martu tibqa’ tigbed nofs kull ma jidhol fil-bank. L-esponent ilu sena barra mid-dar matrimonjali.

Illi kien ghalhekk li l-intimata otteniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq il-paga tal-esponent. Ghalhekk issa l-esponent qed jiehu f’ idejh biss l-ammont ta' €698.81 fix-xahar. Hu evidenti li minn dan l-ammont l-esponent ma jistax jaghti lil martu manteniment;

Illi l-mandat sar ukoll biex jikkawtela l-komunjoni tal-akkwisti - madankollu jigi rilevat li d-dar matrimonjali li fiha qed tghix l-intimata tiswa circa €300,000.00. U dan meta il-mandat hu mahrug fuq €10,000.00. **Dok C** huwa kopja mhux ufficjali tal-mandat.

Illi hu evidenti li dan il-mandat hu frivolu u vessatorju u hu intiz biss biex jaghmel hsara lill-esponent - fl-istess waqt qed jaghmel hsara lill-familja kollha ghaliex minhabba fih l-esponent ma huwiex f'pozizzjoni li jhallas ebda manteniment;

Intant irid jigi rilevat li l-intimata kienet tant komda li sa issa ma hemm ebda digriet li jistabilixxi x'ghandu jkun il-manteniment - l-intmata ippretendiet li tistabbilixxi hi l-ammont ta' manteniment li kellu jithallas. Ovvjament f' dan esagerat favur taghha.

Illi apparti dan, il-pretensjonijiet kollha tal-intimata huma pjenament kawtelati *stante* li l-esponenti ghandu paga u lest ukoll li jorbot lill-*employer* tieghu sabiex jibghat direttament lil intimata dik il-parti mill-paga tieghu li tkun giet stabbilita permezz ta' digriet bhala manteniment ghall-istess mara u ghat-tifla minuri. Intant ukoll hemm proprjeta' bizzejjed li taghmel tajjeb ghall-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti. Bizzejjed jinghad li d-dar tal-komunjoni fejn qed tghix l-intimata mat-tifla tiswa madwar €300,000.00.

Illi intant ukoll fil-Bank of Valletta hemm zewg kontijiet li huma wiehed ta' €9,000.00 u l-iehor ta' €8,200.00 - it-tnejn huma *both to sign* u ghalhekk l-esponent ma jista' johrog ebda somma minnhom wahdu. Dawn iz-zewg

kontijiet li huma *both to sign* (u ghalhekk effettivament gia iffrizati), jaqbzu l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru (cioe` €10,000.00). Ghalhekk hu evidenti li s-sekwestru fuq il-paga kien zejjed u inutli, u ghalhekk frivolu u vessatorju. Il-mandat fuq il-paga iwaqqaf lill-esponent milli jkollu flus biex jghix hu u biex jaghti manteniment ghal bintu.

Illi ghalhekk l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tnehhi *in toto* jew *in parte* l-effetti tal-mandat surriferit u dan *ai termini* tal-Art 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fin-nuqqas li jigri dan jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tapplika dak li jinghad fl-Art 838A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta :

L-Art 836 (1) u 838A jghidu s-segwenti:

"*836. (1) Without prejudice to any other right under this or any other law, the person against whom any precautionary act has been issued, may make an application to the court issuing the precautionary act, or, if a cause has been instituted, may make an application to the court hearing such cause, praying that the precautionary act be revoked, either totally or partially, on any of the following grounds: ....*

*(c) that other adequate-security is available to satisfy the claim of the person at whose request a precautionary act was issued either by the issue of some other precautionary act or if such other security can to the satisfaction of the court adequately secure the claim;*

*or*

*(d) if it is shown that the amount claimed is not prima facie justified or is excessive; or*

*(e) if the security provided is deemed by the court to be sufficient; or*

*(f) if it is shown that in the circumstances it would be unreasonable to maintain in force the precautionary act in whole or in part, or that the precautionary act in whole or in part is no longer necessary or justifiable."*

*"838A. It shall be lawful for the court, on good cause being shown, upon the demand by application of the person against whom a precautionary act has been issued, to order the party suing out the warrant to give, within a time fixed by the court, sufficient security for the payment of the penalty that may be imposed, and of damages and interest, and, in default, to rescind the precautionary act."*

Ghal dawn il-motivi l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti

1 joghgobha tirrevoka l-mandat in kwistjoni u tnehhi *in toto* jew *in parte* l-effetti tal-mandat fuq indikat u fuq kollox tnehhi l-effetti tal-mandat minn fuq il-paga tal-esponent jew;

2 Alternattivament tordna lill-intimata sabiex *ai termini* tal-Art 838A tal-istess Kap 12, (i) fi zmien qasir u perentorju fissat minn din il-Qorti, taghti garanzija xierqa ghal hlas ta' penali li tista' tigi mposta fuq l-intimata u ghad-danni li jista' isofri l-esponent frott tal-mandat fuq indikat u ghall-interessi u (ii) fin-nuqqas li l-intimata taghmel dan l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tirrexxindi l-mandat ta' sekwestru 232/14 fl-ismijiet Doris Sant vs Alfred Sant.

Rat id-digriet tas-16 ta' Settembru 2014 fejn il-Qorti ordnat qabel xejn lir-rikorrenti biex jesebixxi kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 232/14. Ordnat in-notifika lill-kontro parto li permezz ta' nota fi zmien ghaxart ijiem min-notifika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-7 ta' Ottubru 2014, fil-12:15p.m.

Rat in-nota tal-istess Doris Sant (ID 148972M) pro et noe datata 19 ta' Settembru 2014 a fol 20 tal-process fejn esponiet : -

L-esponenti giet mistiedna taghmel nota biex tispjega ghala r-rikors ghar-revoka m'ghandux ikun milqugh.

L-ewwelnett l-esponenti tichad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront taghha. Kien ir-ragel li ddecieda li ma jmurx id-dar kuljum, jew f'certi hinijiet biss. Mhux hekk biss imma l-partijiet kien ikollhom ukoll relazzjonijiet intimi. Waqfu madwar xahrejn ilu, meta wara li jkunu intimi, iqum u jibda jghajjarha u anke jinsinwa li hi marida b'mohha. Mard ghandha fiziku, imma mhux f' mohhha. Dan huwa rifless fl-espressjoni "il-kundizzjoni taghha" fir-rikors (sitt paragrafu fl-ahhar).

Alfred Sant jghid li dan il-mandat kien vessatorju. Huwa ma jiddejjaq xejn li jghid li ghaddielha €350 fix-xahar ghaliha u ghal binthom. Fuq dan aktar 'il quddiem.

Qal li hemm ukoll il-garanzija tad-dar konjugali. Trattandosi ta' manteniment, in-nies ma jistghux ikunu mistiedna li jieklu l-gebel. Il-manteniment irid jithallas fi flus, u ma hemm l-ebda sekwestru fuq il-bini, ghar-raguni li biex tinbiegh id-dar konjugali hemm bzonn il-firma tat-tnejn.

Alfred Sant jibbaza t-talba tieghu li dan il-mandat hu vessatorju. Il-manteniment ma jistax jigi pospost. L-ikel u l-ilbies u s-sahha tridhom kuljum, u hadd ma jmur jixtri l-ikel bit-*tiles* tal-kamra tal-banju. Flus kontanti jrid ikollok, haga li jafha l-istess Alfred Sant meta ta €350 fi flus kontanti. Hija ghandha wkoll interess li tikkawtela l-flejjes li hemm fil-banek, fuq ismu, li ma tafx bihom, ghax dawn jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalkemm ma kenitx obbligata, ghax dan hu dwar manteniment lill-membri tal-familja, kienet l-istess Doris Sant li fil-mandat taghha halliet l-ammont ta' €698.81 biex jinghata direttament lilu. Da parti taghha ghamlet rikors u hemm risposta biex il-manteniment jinqata' u jithallas lilha direttament mill-post tax-xoghol tar-ragel, u ghalhekk ma hemmx ghalfejn ihabbel rasu li jhallas il-manteniment hu u m'ghandux minn fejn, kif jghid fir-rikors.

Imma l-aktar interessanti huwa d-dokument B, l-ispejjez li ghandu!

Ghal bintu u ghall-martu bizzejjed €350, imma huwa jiekol b' €500.

Ghal bintu u martu €350 jinkludu l-ilbies, imma huwa ghandu bzonn €100 fix-xahar ghall-ilbies.

Spejjez ghall-hrug ghalih €200! Dan meta johrog biss. U martu u bintu jridu jghaddu bi €350 ghal kollox.

Total ghal bniedem wahdu huwa ta' €1,130 fix-xahar, u ghal tnejn min-nies €350. Hemm ftit differenza.

Issa minn kliemu stess, Alfred Sant jghid li sa Awwissu 2014, dahhal €17,686.41, li jgibu €2,210.80 medja fix-xahar.

Qed jippretendi li jitnehha s-sekwestru u jaghti lil martu u lil bintu €350. Mela jigi li jibqghu ghandu €1,860.80.

Issa l-istess Alfred Sant jaccetta li martu u hu kienu jaqsmu nofs il-paga tieghu, sakemm hu ddecieda li jnizzel kollox ghal €350, anqas milli kieku tkun fuq is-Servizzi Socjali.

Sar rikors ghall-hlas direttament minghand l-*employer* halli jigu evitati problemi ohra u ripetuti. Jekk ma jsirx dan, l-esponenti u bintha jkunu minghajr manteniment. Ikollha tapplika ghas-Social Services, umbaghad ic-cittadini l-ohra jhallsu ghan-nuqqas tal-intimat Alfred Sant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-7 ta' Ottubru 2014 fejn meta ssejjah r-rikors deher ir-rikorrenti assistit minn Dr. Ray Zammit. Dehret l-intimata assistita minn Dr Joe Brincat. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghal-Digriet ghall-14 ta' Ottubru 2014.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi bir-rikors odjern, ir-rikorrent ezekutat qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru premess *in toto* jew *in parte* a tenur tal-artikolu **836(1)(c)(d)(e) u (f)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jew alternattivament li jigi applikat kontra l-ezekutanti d-disposizzjoni tal-artikolu **838A** tal-istess Kap.12 u tigi ordnata taghti garanzija xierqa ghal hlas ta' penali li tista' tigi mposta fuq l-intimata u ghad-danni li jista' isofri l-esponent b'effett tal-mandat u fin-nuqqas l-istess mandat jigi rexxiss.

L-intimata opponiet ghat-talba billi ssottomettiet li zewgha kien naqqas l-ammont ta' manteniment taghha ghal €350 fix-xahar fejn qabel kienu jaqsmu il-paga bin-nofs - dan l-ammont ridott ma jkoprix l-ispejjez li ghandha bzonn ghaliha u ghal bintha. Tghid ukoll li ghandha interess li tikkawtela l-flejjes li hemm fil-banek, fuq ismu, li ma tafx bihom peress li dawn huma komprisi fl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti pendenti bejniethom.

Jirrizulta li l-partijiet huma mifrudin *de facto* u bdew il-proceduri ghas-separazzjoni personali. Huma ghandhom tifla unika, Mariah li hija minorenni u tghix mal-omm. Jirrizulta wkoll li r-rikorrent odern telaq mid-dar konjugali.

**Mandat ta' Sekwestru 232/14**

Permezz ta' rikorsipprezentat fl-4 ta' Settembru 2014, l-intimata Doris Sant talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru (numru 232/14) mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (fol. 13-17) in kawtela tal-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000) "*ghal sehemha mill-komunjoni u manteniment ghaliha u ghall-minuri.*"[1]

Illi ghalhekk l-intimata odjerna ghandha almenu zewg pretensjonijiet kontra r-rikorrenti odjern, u dawn jikkonsistu fil-pretensjoni taghha ghall-hlas ta' manteniment ghaliha u ghal binthom minuri u ghall-pretensjoni li hija tiehu sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti sa llum ezistenti bejn il-partijiet.

Dan il-mandat gie esegwit fuq kontijiet bankarji f'isem l-ezekutat kif ukoll fuq is-salarju tieghu mal-ST Microelectronics (Malta) Ltd.

Mhuwiex ikkontestat li gew kolpiti zewg kontijiet bankarji fl-ammont komprensiv ta' €17,200[2] u li, flimkien ma' dawn il-kontijiet bankarji, l-assi tal-komunjoni jikkomprendu wkoll id-dar matrimonjali li, skont ir-rikorrent, tiswa circa €300,000. Lanqas mhu ikkontestat li r-rikorrent ghandu paga bazika ta' €1,786 circa *gross* fix-xahar, li bl-*overtime* jizdied ghall-€2,987 *gross* (€2,377 *nett)* fix-xahar.[3] B'effett tal-mandat gie sekwestrat is-salarju tar-rikorrent izda martu tat il-kunsens taghha sabiex jippercepixxi €698.81 fix-xahar ghall-bzonnijiet tieghu.

Jirrizulta li l-intimata kienet tiehu nofs il-paga tar-rikorrent izda r-rikorrent unilateralment deherlu li dan kien eccessiv u beda ihallasha €350 fix-

[1] Digriet esebit a fol 13-17 tal-process.
[2] Ara r-rikors odjern a pagna 2.
[3] **DOK A** a fol. 5

xahar ghaliha u ghal binthom minuri filwaqt li jzomm il-bilanc kollu tal-paga ghalih. Ghalhekk saret it-talba ghall-hrug tal-mandat in mertu.

Minn prospett ta' infieq esebit bhala dokument **B** mir-rikorrent[4], jidher li r-rikorrent qed jikkalkula li jinnecessita mal-€1,130 fix-xahar ghall-bzonnijiet tieghu. Martu ssib li l-ammont ta' €350 hu ingust fil-konfront taghha u ta' bintha specjalment meta zewgha jghid li ghandu bzonn €200 ghall-ispejjez tal-hrug tieghu biss.

**Digriet *Pendente Lite***

Fil-mori ta' dawn il-proceduri inghata digriet *pendente lite* mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn il-manteniment tal-mara u tal-bint gew likwidati fl-ammont ta' €750 fix-xahar, kwantu ghall-€500 fix-xahar bhala manteniment ghall-mara u €250 fix-xahar bhala manteniment ghat-tifla Mariah Sant. Dan id-Digriet hareg fit-3 ta' Ottubru 2014 izda ma sar l-ebda riferenza ghalih waqt it-trattazzjoni. Skont l-istess Digriet il-medjazzjoni bejn il-partijiet giet dikjarata maghluqa u huma gew awtorizzati jipprocedu b'kawza.

Dan id-digriet ibiddel ic-cirkostanzi bejn il-partijiet in kwantu li l-manteniment issa huwa likwidat b'ordni tal-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt marbutin mat-talbiet odjerni.**

[4] Fol.4 tal-process.

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836(1)(c)(d)(e) u (f)** li jipprovdi:-

***"836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(c) "jekk jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni"*;

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(e)* jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi fid-digriet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad ukoll *"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan*

*ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja".*

Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"** P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001).

Riferibbilment ghall-**artikolu 836(1)(c),** ir-rikorrent jissottometti li l-kontijiet bankarji sekwestrati gja jaghmlu tajjeb ghall-ammont ikkawtelat bil-mandat odjern. In effett dan mhuwiex korrett ghaliex l-ammonti bankarji sekwestrati jappartjenu gja kwantu ghall-nofs lill-martu f'liema kaz, jonqos bilanc zghir sabiex l-ghaxart elef ewro jigi ikkawtelat.

Riferibbilment ghall-artikolu **836(1)(d)** fid-decizjoni **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (AL) 5 ta' Settembru 2008) inghad li bid-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1) (d)** dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa ta' ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("*fumus juris")* u jekk dan iwassalx ghas-somma indikata fl-istess mandat, b'dan li wiehed ma ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti ghandha tigi gwidata bil-principju li d-dritt ta' azzjoni m'ghandhux jigi mfixxkel jew imwarrab, jekk mhux eleminat, b'tant facilita` jew leggerezza, u wkoll li persuna

ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantattiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Din il-Qorti thoss li l-intimata kienet gustifikata *prima facie* biex tagixxi sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha naxxenti mill-istess komunjoni tal-akkwisti u anke ghall-manteniment Dan id-dritt ghall-manteniment ghal wild minuri hu sancit mil-ligi stess. Lanqas jirrizulta li hu eccessiv ghaliex hi stess gja ghandha dritt ghan-nofs il-kontijiet bankarji u l-ammont bilancjali hu ragjonevolment gustifikabbli bhala manteniment.

Ghalhekk il-Qorti tqies li l-artikolu 836(1)(c) u (d) mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Lanqas fil-fehma tal-Qorti mhu applikabbli l-artikolu **836(1)(e)** billi, kif gja inghad, nofs l-ammonti sekwestrati mhumiex bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-ammont shih ikkawtelat u lanqas jista’ r-rikorrent, jinvoka l-valur tad-dar matrimonjali bhala garanzija adegwata alternattiva. Din id-dar attwalment hija r-residenza tal-omm u tal-bint u jispetta lill-Qorti kompetenti fil-kaz tas-separazzjoni personali biex tiddetermina definittivament x'ser isir minn din id-dar.

Jibqa' ghalhekk li r-rikors jigi kkonsidrat bl-applikazzjoni tal-artikolu **836(1)(f) tal-Kap.12.**

Illi kif gie premess, l-ammont dovut bhala manteniment ghall-mara u ghall-bint gie likwidat mill-Qorti kompetenti pendenti dan ir-rikors. Dan certament ibiddel ic-cirkostanzi fattwali bejn il-partijiet b'tali mod li r-

rikorrent ghandu ragun li jghid li ma jkunx ragjonevoli li jibqa’ fis-sehh, almenu in kwantu jolqot il-paga tieghu.

Ikkonsidrat li l-intimata ma spjegatx kemm mill-ammont ta' ta' €10,000 ikkawtelat bil-mandat jindirizza l-pretensjoni taghha ghall-manteniment.

Li hu cert hu li l-manteniment pagabbli lill-mara *proprio et nomine* issa gie likwidat mill-Qorti abbazi tad-dhul tar-ragel tenut kont il-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-mara u tat-tifla. Jekk il-mandat jibqa' fis-sehh fl-intier tieghu, ir-rikorrent ma jkunx jista' jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti.

Illi l-intimata issa li hi munita b'Digriet ,  tista' tikkawtela il-jeddijiet taghha ghall-manteniment b'mezzi ohra gudizzjarji li huma idoneji sabiex tottjeni l-hlas tal-manteniment dovut lilha inkluz talba ghall-hlas dirett mill-paga ta' zewgha.

Inoltre t-tnehhija tal-effetti tal-mandat mill-paga tar-ragel ma huwiex ser jippregudika l-pretensjonijiet tal-intimata rigwardanti s-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti, anke ghaliex tali ntrojtu huwa identifikat u jista’ jigi stabbilit f’kull hin u zmien.  Mhu sottomess f'ebda hin li r-ragel kien waqaf milli jhallas l-alimenti, ghalkemm kien irriducihom, u ma intwera l-ebda animu li r-rikorrent mhuwiex bi hsiebu jobdi dak li gie ordnat.

Ghalhekk u fl-isfond ta’ dan kollu, din il-Qorti thoss li tali rikors ghandu jigi milqugh fir-rigward biss tal-effetti tieghu fuq il-paga tar-ragel u dan sabiex jibqa’ jithallas il-manteniment *pendente lite* lill-intimata u lil binthom apparti l-ispejjez tal-istess rikorrent.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti hi tal-fehema li ghandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens biss li tali mandat kawtelatorju ta' sekwestru Numru 232/14 ghandu jigi revokat *in parte* u unikament fejn dan jolqot lis-socjeta` sekwestratarja ST Microelectronics (Malta) Ltd. b'dan li din il-Qorti qed tirrevoka l-istess mandat biss u limitatament in kwantu servut fuq l-istess socjeta` ST Microelectronics (Malta) Ltd. bhala sekwestrarja fl-istess att kawtelatorju, u tikkonfermah ghal bqija fil-konfront tas-sekwestratarji l-ohra kollha hemm indikati.

**<u>Art 838A</u>**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[5]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[6]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament

[5] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd***

[6] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[7], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[8] minħabba l-istess Mandat;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma ntwera li hemm l-ebda raġuni ġusta li twassalha biex torbot lill-eżekutanti Doris Sant biex tressaq il-garanzija mitluba mir-rikorrent eżekutat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimata in kwantu l-istess timmilita kontra d-decizjoni hawn moghtija, u filwaqt li **tichad it-tieni (2) talba tar-rikorrent** fir-rikors tieghu premess tal-15 ta' Settembru 2014, **tilqa' in parte l-ewwel (1) talba** kontenuta fl-istess rikors tal-15 ta' Settembru 2014, b'dan illi:-

1. Tordna r-revoka *in parte* tal-Mandat ta' Sekwestru numru 232/14 fl-istess ismijiet premessi u dan biss u limitatament ghal fejn l-istess att kawtelatorju jindika bhala sekwestratarja s-socjeta` ST Microelectronics (Malta) Ltd. *stante* li fic-cirkostanzi ma hux ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju fil-konfront tal-istess socjeta` ndikata; u taht dan l-aspett u fil-kuntest tas-socjeta` hawn citata tali att kawtelatorju mhuwiex

[7] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[8] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

aktar mehtieg jew gustifikabbli u dan a tenur ta' l-**artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12** dejjem fil-konfront tal-istess socjeta` sekwestratarja ST Microelectronics (Malta) Ltd; b'dan li b'effett immedjat ghandu jinhareg l-opportun kontro-mandat bin-notifika relattiva lill-istess socjeta` ST Microelectronics (Malta) Ltd, u dan a karigu u spejjez tal-istess rikorrent, filwaqt li din il-Qorti tikkonferma l-hrug tal-istess mandat kawtelatorju premess fil-konfront tas-sekwestrarji l-ohra kollha ndikati fl-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi Numru 232/14 u cioe fil-konfront tal-Bank of Valletta p.l.c., l-HSBC Bank Malta p.l.c., u l-APS Bank Limited.

Illi *stante* n-natura tal-kaz, u l-*fattispecie* tieghu, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrent.

**Degretat.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------